# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1899

## tat-18 ta' Ottubru 2017

## li jdaħħal ċerti ismijiet fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti (Tradiční Lovecký salám/Tradičná Lovecká saláma (STG) u Tradiční Špekáčky/Tradičné Špekačky (STG))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità applikabbli għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 26 u l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, ir-Repubblika Ċeka ressqet l-ismijiet "Tradiční Lovecký salám"/"Tradičná Lovecká saláma" u "Tradiční Špekáčky"/"Tradičné Špekačky" bil-għan li jkunu jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru tal-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, bir-riżervar tal-ismijiet.

(2) L-ismijiet "Lovecký salám"/"Lovecká saláma" u "Špekáčky"/"Špekačky" kienu diġà ġew irreġistrati ([2]) bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti mingħajr ir-riżervar tal-ismijiet, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 ([3]).

(3) Wara l-proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-ismijiet "Lovecký salám"/"Lovecká saláma" ġew ikkomplementati bit-termini "Tradiční" u "Tradičná" rispettivament, u l-ismijiet "Špekáčky"/"Špekačky" ġew ikkomplementati bit-termini "Tradiční" u "Tradičné" rispettivament. Dawn it-termini komplementari jidentifikaw il-karattru tradizzjonali tal-ismijiet, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(4) L-ismijiet imressqa "Tradiční Lovecký salám"/"Tradičná Lovecká saláma" u "Tradiční Špekáčky"/"Tradičné Špekačky" ġew eżaminati mill-Kummissjoni, u wara ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]).

(5) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-ismijiet "Tradiční Lovecký salám"/"Tradičná Lovecká saláma" u "Tradiční Špekáčky"/"Tradičné Špekačky" jiddaħħlu fir-reġistru bir-riżervar tal-ismijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

B'dan l-ismijiet "Tradiční Lovecký salám"/"Tradičná Lovecká saláma" (STG) u "Tradiční Špekáčky"/"Tradičné Špekačky" (STG) jiddaħħlu fir-reġistru bir-riżervar tal-ismijiet.

L-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-STG "Lovecký salám"/"Lovecká saláma" u tal-STG "Špekáčky"/"Špekačky" għandha titqies bħala l-ispeċifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 għall-STG "Tradiční Lovecký salám"/"Tradičná Lovecká saláma" u għall-STG "Tradiční Špekáčky"/"Tradičné Špekačky", bir-riżervar tal-ismijiet.

L-ismijiet speċifikati fl-ewwel paragrafu jindikaw prodotti fil-Klassi 1.2 "Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.)", kif elenkati fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([5]).

---

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 160/2011 tal-21 ta' Frar 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti ("Lovecký salám"/"Lovecká saláma" (STG)) (ĠU L 47, 22.2.2011, p. 7).
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 158/2011 tal-21 ta' Frar 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti ("Špekáčky"/"Špekačky" (STG)) (ĠU L 47, 22.2.2011, p. 3).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti (ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1). Ir-Regolament tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

([4]) ĠU C 167, 11.5.2016, p. 21.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER